**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 25 ta' Gunju, 2020**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 144/2016**

**L-Avukat Dr Cedric Mifsud a nom u in rapprezentanza**
**tal-assenti Yury Sergeevich Danilov**

**vs**

**L-Agenzija Identita Malta u**
**l-Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tat-23 ta' Frar 2016 li jghid hekk:

Illi r-rikorrent, Yury Sergeevich Danilov, huwa cittadin Russu, detentur tal-Passaport Numru 713727239, imwieled fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u hamsa u sebghin (1975) u residenti 141306, Apt. 19, 15 Shkolnaya Street, City of Sergiyev Posad-6, Distrett Sergiyevo-Posadskiy, fir-Regjun ta' Moska, ir-Russja;

llli r-rikorrent applika ghal cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni permezz tal-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta u dana ai termini ta' regolamenti fl-Avviz Legali sebgha u erbghin (47) tas-sena elfejn u erbatax (2014);

IIli r-rikorrent issottometta I-applikazzjoni tieghu ghal Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta permezz taI-Agent Approvat BT International Limited. Ir-rikorrent, applika bhala I-applikant ewlieni u bha!a kap ta' familja, Ii intrabat biex jaghmel kontribuzzjoni ghall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u Ii jiffirma I-ftehim u impenni rilevanti f'isem id-dipendenti tieghu;

Illi r-rikorrenti fl-applikazzjoni ndika bhala d-dipendenti tieghu lil Elena Anatoliyevna Danilova, li tigi l-mara tal-istess rikorrenti u t-tifla tieghu Valeriya Yurievna Danilova, liema dipendenti setghu wkoll japplikaw ghal cittadinanza ai termini tar-regolamenti tal-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta;

Illi fl-applikazzjoni ghal cittadinanza b'naturalizzazzjoni (Vide Form N hawnhekk annessa bhala Dok. A) ir-rikorrenti ndika r-raguni ghaliex jixtieq japplika u sostna s-segwenti: "My spouse and I have considered on multiple occasions to reside in a southern European country, for which Malta is a great option due to its geographical location and pleasurable climate. In addition to that, what appeals to us most is that being a Maltese citizen offers internal mobility within the Schengen zone. We frequently travel to different European countries for leisure and cultural exploration, whereby avoidance of frequent visa applications would be most helpful."

Illi r-rikorrent issottometta 'Statement of Source of Funds' (Vide Form SSFW hawnhek annessa bhala Dok. B) li fiha ddikjara l-provenjenza tal-gid li principalment hija bbazata fuq l-impjieg tieghu bhala 'Deputy Head of the Russia Region, CIS, Baltics, Mongolia' mal-kumpanija estera Bombardier Transportation (Signal) Ltd. Spjega wkoll li huwa l-proprjetarju ta' diversi proprjetajiet (Vide id-dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala Dok. C) u intraprizi fir-Russja u ddefinixxa l-valur personali tieghu bhala dak ta' zewg miljuni sitt mija wiehed u tmenin elf, disa’ mija u erbatax-il ewro (€2,681,914);

Illi r-rikorrent ipprezenta lill-Agenzija ntimata d-dokumenti kollha necessarji sabiex jkun jista’ jissodisfa l-kriterji elegibilita skond l-artikolu hamsa (5) tal-Avviz Legali sebgha u erbghin (47) tas-sena elfejn u erbatax (2014) (Vide d-dokument hawn hekk annessi mmarkati bhala Dok. D sa Dok. M);

Illi sabiex ir-rikorrent u d-dipendenti tieghu jissodisfaw il-kriterju tal-artikolu sebgha (7) subartikolu tnax (12) tal-Avviz Legali sebgha u erbghin (47) tas-sena elfejn u erbatax (2014) u cioe li l-applikanti ghandhom jkunu residenti f'Malta ghal zmien mhux inqas minn tnax (12)-il xahar qabel ma jinghataw ic-cittadinanza, l-istess rikorrent dahal f'kuntratt ta' kera sabiex jikri post ghalih u ghal familja tieghu fl-indirizz No. 4, Maisonette, Triq Toni Pace, Mellieha (Vide d-dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala Dok. 'N');

Illi sabiex jkun jista’ jissottometti l-applikazzjoni tieghu u tad-dipendenti, ir-rikorrent ghamel is-segwenti hlasijiet lil Agenzija ghad-drittijiet ta' due diligence: (a) sebat elef u hames mitt ewro (€7,500) ghalih personalment bhala applikant ewlieni, (b) hamest elef ewro (€5,000) ghal martu u (c) hamest elef ewro (€5,000) ghat-tifla tieghu. Apparti minn dan huwa hallas ukoll is-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) bhala depozitu fuq il-kontribuzzjoni pagabli lil Gvern ta' Malta. Dawn il-hlasijiet saru skond l-Ewwel (1) Skeda tal-Avviz Legali sebgha u erbghin (47) tas-sena elfejn u erbatax (2014);

Illi r-rikorrenti kien iddikjara li huwa lest jaghmel il-kontribuzzjonijiet, ghalih u d-dipendenti kif stipulati f'artikolu 1, tal-Ewwel Skeda tal-Avviz Legali sebgha u erbghin (47) tas-sena elfejn u erbatax (2014), liema kontribuzzjonijiet, b'kollox jammontaw ghal seba’ mitt elf ewro (€700,000). Apparti minn hekk huwa obbliga ruhu li jinvesti mija u hamsin elf ewro fi 'stocks' tal-Gvern ta' Malta;

Illi r-rikorrent ma jaqax taht l-ebda kirterju li jaghmlu jew lil dipendenti tieghi ineligibbli skond l-artikolu sitta (6) tal-Avviz Legali sebgha u erbghin (47) tas-sena elfejn u erbatax (2014);

Illi minkejja l-fatti suesposti permezz ta' ittra datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) (vide d-dokument anness u mmarkat bhala Dok. 0) l-Agenzija ntimata nfurmata lill-Agent Approvat BT International Limited li applikazzjoni tar-rikorrent Yury Sergeevich Danilov ma gietx milqugha. Fl-ittra taghha, iffirmata minn Joe Vella Bonnici u Jonathan Cardona, l-Agenzija sostniet is-segwenti:
"Kindly note that the aforementioned application does not meet the required criteria as established in Legal Notice 47 of 2014 of the Individual lnvestor Programme of the Republic of Malta. This application is therefore rejected."

Illi fid-decizjoni taghha l-Agenzija ntimata ma tat l-ebda informazzjoni dwar ir-ragunijiet ghaliex l-applikazzjoni ma gietx milqugha. L-unika dikjarazzjoni kienet fis-sens li l-applikazzjoni ma tissodisfax il-kriterji tal-imsemmi Avviz Legali, pero ma ssostanzjatx liema kriterji ma gewx soddisfatti kif ukoll ma tatx spjegazzjoni ghaliex dawn l-istess kriterji ma gewx soddisfatti;

Illi skond artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem u l-principji generali tal-ligi l-istat ghandu obbligu li jhares il-principju ta smigh xieraq li jinkludi d-dritt ta' rimedju effettiv u dana jfisser li decizjonijiet ghandhom jkunu motivati u ghandhom jaghtu, b'mod bizzejjed car, il-motivi li fuqhom tkun mibnija d-decizjoni kif ikkonfermat mill-Qrati Maltin. Dan huwa in linea ma' principju generali li huwa ben saldat, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza taghna u dik estera, illi l-motivazzjoni hi ta' essenza ta' kull decizjoni, sia jekk din hi wahda gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarja, sia jekk hi wahda sempliciment amministrattiva kif inhuwa l-kaz de quo. Kull min hu msejjah biex jaghti l-gudizzju tieghu ghandu fil-minimu, anke jekk mhux b'mod approfondit, jipprovdi r-raguni tad-decizjoni tieghu in kwantu minn din l-istess raguni ikun jista' jigi dedott l-iter logiku segwit u dak tar-raffront bejn ir-rikjest u d-decizjoni. Il-Qrati taghna ssenjalaw il-principju illi l-parti ghandu jkollu s-sodisfazzjon li jkun jaf ir-raguni l-ghala r-rikjesta tieghu tkun qed tigi michuda jew akkolta. Dan, wara kollox, mhux hlief applikazzjoni sobrija tar-regola fundamentali audi et alteram partem;

Illi ghalhekk r-rikorrenti ma nghatax l-opportunita sabiex jirrispondi ghal xi nuqqasijiet li l-Agenzija setghet identifikat u kif ukoll ma vverifikatx dawn in-nuqqasijiet (jekk verament jezistu) mal-istess rikorrent;

Tghid ghalhekk l-Agenzija ntimata ghalfejn ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Prevja kull dikjarazzjoni li hija thoss li hija necessarja u opportuna fic-cirkostanzi, tiddikjara illi l-ghemil amministrattiv hawn fuq spjegat imur kontra l-artikolu 469A(1)(a) u (1)(b)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi tali ghemil amministrattiv huwa null, invalidu u bla effett;

3. Tordna l-Agenzija tirrevedi d-decizjoni taghha ai termini tal-ligi u tal-principji legali;

4. Konsegwentement tiddikjara li kawza ta' tali ghemil amministrattiv li huwa null u bla effett ir-rikorrent sofra danni;

5. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent;

6. Tordna lill-Agenzija ntimata thallas r-rikorrent s-somma likwidata ai fini tar-raba’ talba.

BI-lspejjez kontra l-Agenzlja ntlmata u l-Ministru li huma minn issa nguntl ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Preliminarjament l-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijet ta' Malta) mhux applikabbli stante li l-hrug ta' certifikat ta' naturalizzazzjoni ta' cittadinanza Maltija taht l-Individual Investor Programme ma tinkwadrax fit-tifsira ta' "eghmil amministrattiv" li nsibu fis-subinciz 2 taI-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress li l-ghoti ta' cittadinanza hija prerogattiva tal-Istat.

2. Preliminarjament ukoll, in kwantu l-azzjoni prezenti hija msejjsa fuq l-artikolu 469A(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dan l-artikolu mhux applikabbli fi kwistjonijiet dwar drittijiet fundamentali tal-bniedem.

3. Preliminarjament ukoll, l-Agenzija Identita Malta mhijiex il-Iegittimu kontradittur ai termini taI-artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) stante li l-ghoti ta' cittadinanza hija funzjoni li tispetta lill-Ministru intimat.

4. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju, in kwantu t-talbiet attrici huma bazati fuq allegat ksur tad-drittijiet fundamentali, l-istess talbiet huma irritwali billi mhumiex konformi mar-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura fil-Qrati.

5. Fil-mertu u minghajr pregudizzju, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma sar xejn mill-eccepjenti li jista' legalment jattira l-htiega ta' revizjoni da parti tal-Qorti.

L-ebda persuna originarja minn pajjiz barrani ma ghandha d-dritt li takkwista cittadinanza Maltija. L-ghoti ta' cittadinanza jaqa' fl-isfera tal-prerogattiva tal-lstat u d-decizjoni hija necessarjament diskrezzjonali u sigrieta minhabba li tista' timpingi fuq materja ta' sigurta' nazzjonali u public policy. L-Istat mhuwiex legalment marbut jaghti ragunijiet jekk talba ghall-ghoti ta' cittadinanza ma tintlaqax u din id-decizjoni mhijiex appellabbli jew sindakabbli in kwantu kwistjonijiet dwar l-ghoti tac-cittadinanza jaqghu fl-isfera tal-funzjonijiet iure imperii tal-Istat (ara art. 19 tal-Att dwar ic-Cittadinanza Maltija, Kap. 188 tal-Ligijiet ta’ Malta).

6. F'kull kaz u minghajr pregudizzju, l-eccepjenti mxew ghal kollox skond il-ligi u b'mod partikolari skond ir-rekwiziti procedurali mandatorji fit-twettiq tal-poteri f’dati lilhom. F'kull kaz u minghajr pregudizzju, l-eccepjenti jirrespingu bil-qawwa kull

allegazzjoni ta' abbuz ta' poter stante li huma dejjem agixxew fil-parametri u b'konformita shiha mal-ligi;

7. F'kull kaz ukoll, l-esponenti jirrespingu wkoll kull allegazzjoni li agixxew ghal ghanijiet mhux xierqa jew fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti jew b'xi mod iehor kontra l-ligi; ghall-kuntrarju huma mxew dejjem b'mod korrett u fir-rispett ta' dak provdut fil-ligi;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri tal-konvenuti li tghid hekk:

Illi dina r-risposta guramentata ulterjuri qieghdha ssir ai termini tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-21 ta' April 2016.

Illi filwaqt li l-esponent jaghmlu referenza ghar-risposta guramentata taghhomipprezentata fl-14 ta' Marzu 2016, qeghdin permezz tal-prezenti jzidu s-segwenti eccezzjoni:

1. Illi preliminarjament, in-nullita tal-azzjoni attrici a tenur l-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-istess azzjoni ma gietx preceduta minn ittra ufficjali jew protest gudizzjarju intavolat kontra l-Ministru intimat kif mehtieg ad validatem.

Salv u impregudikata kwalunkwe eccezzjoni ohra f'kaz ta' bzonn,

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat is-sentenza preliminari tal-Qorti tas-7 ta' Lulju 2016 li biha gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju l-Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali ghar-raguni hemm imsemmija;

Rat li l-kawza baqghet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-konvenuti jekk l-Agenzija Identita Malta hiex legittimu kontradittur ghat-talbiet attrrici.

**Ikkunsidrat**

Qabel xejn jigi precizat illi din hi kawza maghmula a bazi tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 cioe azzjoni ta' stharrig gudizjarju. L-attur jilmenta illi minkejja li hu kien jisthoqqlu jinghata cittadinanza Maltija b'naturalizazzjoni, it-talba tieghu giet michuda minghajr ma inghatatlu raguni ghal tali cahda. Ghalhekk jghid li d-decizjoni saret bi ksur tal-artikolu 469A(1)(a) u (1)(b)(ii) u (iii) u ghalhekk ma tiswiex u hi bla effett. Jghid li

meta talab gustifikazzjoni ma nghatax raguni ghaliex it-talba tieghu u familtu ma nltaqghetx. Minhabba li hareg flejjes konsiderevoli, irid li l-konvenut ihallas id-danni li garrab.

Kif inghad il-Ministru gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi din il-Qorti irriteniet fis-sentenza preliminari taghha fuq imsemmija illi t-tahrika tal-Ministru saret bi ksur tal-artikolu 460(1) tal-Kap. 12. Il-kawza ghalhekk tkompliet kontra l-Agenzija biss.

**Eccezzjoni li l-Agenzija mhux legittimu kontradittur fil-kawza billi l-ghoti ta' cittadinanza hi fuzjoni li tispetta tal-Ministru koncernat. Hi tikkwota l-artikolu 181B tal-Kap. 12 in sostenn ta' din l-eccezzjoni**

L-attur iwarrab din l-eccezzjoni billi jsostni li l-process kollu li wassal ghal cahda tat-talba tieghu ghal ghoti ta' cittadinanza Maltija ghalih u ghal familtu twettaq mill-Agenzija u kienet hi li hadet id-decizjoni li minnha qed jilmenta.

Minghajr mal-Qorti f'eccezzjoni ohra relatata ma' din cioe illi l-artikolu 469A tal-Kap. 12 mhix applikabbli ghal hrug ta' naturalizazzjoni ta' cittadinanza taht l-Individual Investor Programme ma tinkwadrax fit-tifsira ta' 'eghmil amministrattiv', ser tezamina l-eccezzjoni tal-Agenzija konvenuta fl-isfond tal-ligi u l-fatti rizultanti.

Jibda biex jinghad illi l-ittra ta' rifjut ghat-talba tal-attur intbaghtet lilu tramite l-agent registrat mill-Agenzija fis-27 ta' Awwissu 2015 (fol. 57 tal-process) u dan ghar-raguni generika li t-talba ma hix konformi mar-rekwiziti tal-L.N. 47/2014 tal-IIP (individual Investor Programme). Ghalkemm l-attur baghat ittra ufficjali fl-4 ta' Frar 2016 lil Agenzija jitlob spjegazzjoni ma inghata ebda twegiba (fol. 58 tal-process).

Biex il-Qorti tasal ghal decizjoni fuq din il-kwistjoni trid titqies il-ligi infisha cioe il-Kap. 188 u l-ligi sussidjartaja 188.03 li tidhol fir-rekwiziti ghal talba ghal cittadinanza bhal din u dan b'referenza ghat-talba maghmula ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12.

L-artikolu 3(1) tal-Ligi Sussidjara 188.03 maghmul b'sahha tal-Kap. 188:

> 3.(1) B'dan huwa stabbilit programm li ghandu jkun maghruf bhala "Il-Programm ta' Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta", li ghandu jippermetti li tinghata cittadinanza b'certifikat ta' naturalizzazzjoni lill-persuni

> barranin u l-familji taghhom li jikkontribwixxu ghall-izvilupp ekonomiku ta' Malta, kif provdut f'dawn ir-regolamenti.

Ir-regolarment 4 tal-istess Ligi Sussidjara jippreskrivi l-kwalifiki u l-htigijiet generali biex persuna tkun applikant ghac-cittadinanza taht il-programm, waqt li r-regolament 5 jippreskrivi kriterji minimi ta' elegibilita. Ir-regolamenti ma jaghtux jedd lil min japplika li jinghata c-cittadinanza Maltija. Ir-regolamenti jistabbilixxu l-kriterji u htigijiet biex persuna tkun tista' tapplika. L-Agenzija ghandha l-funzjoni li tippocessa l-applikazzjonijiet, u tiehu l-informazzjoni u taghmel verifiki ta' due diligence anke internazzjonalment biex eventwalment tghaddi r-rizultat ta' dan l-ipprocessar b'rakkomandazzjoni jew opinjoni jew parir, sejhilha li trid, lil Ministru responsabbli li skont il-ligi hu esklussivament responsabbli ghal ghoti jew le tac-certfikat ta naturalizazzjoni taht l-Att Dwar ic-Cittadinanza.

Fil-fatt il-Kap. 188 cioe l-Att Dwar ic-Cittadinanza fl-artikolu 10 jaghti dritt lil barranin li japplikaw ghal naturalizazzjoni bhala cittadin ta' Malta jekk jissodisfaw lil Ministru li jkollhom il-kwalifiki mehtiega. L-artikolu 19 imbaghad jghid hekk:

> Il-Ministru ma jkunx mehtieg li jaghti xi raguni ghall-ghoti jew ghac-cahda ta' xi applikazzjoni skont dan l-Att u d-decizjoni tal-Ministru fuq xi applikazzjoni bhal dik ma tkunx suggetta ghal appell jew revizjoni f'xi Qorti.

Jidher car mill-provvedimenti tal-ligi illi l-process ta' skrutinju jsir kollu mill-Agenzija u fil-fatt twettaq il-funzjoni ta' amministrazzjoni pubblika dwar talbiet ghal hrug ta' passaport li hi funzjoni ewlenija fil-process tal-ghoti ta' cittadinanza. Il-formoli kollha jgibu l-intestatura tal-Agenzija, pero fost il-formoli esebiti mill-attur mar-rikors promotur li hu mela biex jissodisfa l-kriterji tal-ligi l-Qorti tirreferi ghal formula a fol. 25 tal-process fejn fid-dikjarazjoni a fol. 26 tal-process hemm imnizzel testwalment li l-applikant qed jiddikjara li hu konsapevoli li jekk il-<u>Ministru</u> (sottolinear tal-Qorti) jaccetta li jaghtih certifikat ta' naturalizazzjoni bhala cittadin ta' Malta, irid jiehu gurament ta' lealta.

Jirrizulta mix-xiehda ta' zewg Ministri responsabbli ghal dan l-investiment skont il-ligi u senjatament il-Ministru Abela li kien il-Ministru responsabbli fiz-zmien tal-applikazzjoni in kwistjoni illi qal li ghalkemm l-ahhar kelma hi tieghu hu jara l-file mibghut mill-Agenzija koncernata, l-applikazzjoni u r-rakkomandazzjoni maghmula u

jiddeciedi dwarha. Sakemm kien responsabbli mill-Ministeru koncernat bejn l-2014 u 2016 dejjem accetta r-rakkomandazzjoni tal-Agenzija u baghat id-decizjoni tieghu fl-affermattiv jew in-negattiv skont il-kaz lil Agenzija minghajr ebda kjarifikazzjoni jew spjegazzjoni ulterjuri. Il-Miinistru Bonnici li wkoll kien responsabbli mill-Ministeru li kien jinkorpora c-cittadinanza f'certu zmien xehed li l-parir jew rakkomandazzjoni dwar talba kien ikun dettaljat hafna ghalkemm hu ma jkunx involut fil-gbir tal-informazzjoni. Hu kellu d-diskrezzjoni bil-ligi li jaccetta jew jirrifjuta l-parir ghax id-decizjoni dwar it-talba tispetta lil Ministru bil-ligi. Hu sostna li kwazi f'kull kaz kien isaqsi ghal xi kjarifija u jaghti d-decizjoni tieghu bil-miktub lil Agenzija.

Joe Vella Bonnici, Chairman Ezekuttiv tal-Agenzija xehed illi l-Agenzija taghti parir lil Ministru dwar rifjut jew accettazzjoni ta' talba ghal cittadinanza. La darba l-Ministru responsabbli jaghti d-decizjoni tieghu u jikkomunikaha lil Agenzija, hu dmir l-Agenzija skont ir-regolamenti a bazi tal-Kap. 188 li tinforma lil applikant bid-decizjoni ghat-talba tieghu skont ma jkun iddecieda l-Ministru li jinformahom bil-miktub u l-Agenzija hi obbligata issegwiha. Hu qal li l-process kollu ta' gbir ta' dokumentazzjoni u skrutinju jsir mill-Agenzija bla involviment tal-Ministru. Hu process intern tal-Agenzija. F'dan il-kaz partikolari meta sar id-due diligence dwar l-applikant instabu ragunijiet li l-Agenzija tirrikmanda rifjut. Il-Ministru ma jinghatax id-dokumentazzjoni kollha izda r-rakkomandazzjoni u xi supporting documents u sta ghal Ministru li jqis ghandux bzonn xi kjarifika jew informazzjoni ohra skont il-prerogativa li ghandu.

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-ligi u x-xiehda prodotta jwasslu lil Qorti ghal konkluzjoni li ghalkemm ix-xoghol amministrattiv u l-parir dwar talba ghal ghoti ta' cittadinanza a bazi tal-Individual Investor Programme isir mill-Agenzija, hi ghandha biss poteri ta' rakkomandazzjoni jew parir u taht l-ebda cirkostanza ma taghti decizjoni, liema decizjoni hi fdata esklussivament f'idejn il-Ministru bla ebda limitazzjoni jew kondizzjoni. Billi l-kawza saret strettament ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 ma jistax jitqies li fil-limiti ta' dak l-artikolu l-Agenzija tista' titharrek izda ghandu jkun il-Ministru li jirrispondi ghat-talbiet attrici.

Issir referenza ghas-sentenza **Hamid Rami vs Id-Direttur tac-Cittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijazzjoni et** (PA 07/02/2014), fejn dik il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjoni:

> Illi huwa stabbilit ukoll li biex wieħed jista' jressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, jeħtieġ juri li kien hemm xi deċiżjoni jew rifjut għal talba magħmula jew il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess jew warrant li jsiru minn awtorita' pubblika sakemm din id-deċiżjoni, ordni, liċenza, permess jew warrant ma ssirx bilgħan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fi ħdan dik l-istess awtorita'. Iżda mhux kull kitba li toħroġ minn ħdan xi awtorita' pubblika tikkostitwixxi "deċiżjoni": biex ikollha dawk ilkwalitajiet, dik il-kitba trid tkun għalqet kwestjoni jew ilment billi tgħid li dik hija l-fehma aħħarija tal-awtorita' pubblika li tkun għall-ilment jew għat-talba li jkunu sarulha (Jupiter Co. Ltd. et vs Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, App 03/04/2009).

Maghdud dan kollu l-Qorti issib illi l-Agenzija ma tat ebda decizjoni jew rifjut ghat-talba skont ma jrid l-artikolu 469A tal-Kap. 12 issa semmai ikkomunikat ir-rifjut tal-Miinistru ghat-talba tal-attur li ghandu jkun il-persuna li jirrispondi ghal lanjanzi tal-attur dwar in-nuqqas tieghu li jaghti raguni ghad-decizjoni teighu ta' rifjut tal-applikazzjoni tal-attur a bazi tal-artikolu 469(1)(a) u 469(1)(b)(ii) u (iii) (ara f'dan is-sens **Andrea Stellato vs Onor. Prim Ministru et**, PA 28/02/2019).

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta Agenzija Identita Malta li mhix legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri kif maghmula u kwindi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.

Mark Chetcuti

Prim Imhallef

Anne Xuereb

Deputat Registratur